# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-1 ta` Settembru, 2020**

Appell numru 392 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christopher AGIUS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Ottubru 2017 fil-konfront ta' Christopher AGIUS, karta tal-identità bin-numru 129476M fejn ġie mixli talli:

    1. Fil-perjodu ta' bejn is-snin 2006 u 2010, f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u 37 ċenteżmu (€2329.37) għad-detriment ta' Mary Grace Mallia (K.I. Nru 181874M) u Anthony Calleja (K. I. Nru 313846M);

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, mis-somma ta' aktar min elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment ta' Mary Grace Mallia (K.I. 181874M) u Anthony Calleja (K.I. Nru 313846M);

3. Fil-perjodu ta' bejn is-snin 2005 u 2010, f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u 37 ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Ivan Buhagiar (K.I. Nru. 319474M), sid il-ħanut bl-isem ta' "Jelly Tots" li jinsab fi Triq Ganu, Birkirkara; u

4. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkommetta tali reati, li bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu id-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat il-fedina tal-imputat Christopher Agius hija waħda netta;

Rat l-eżami tal-imputat li wieġeb mhux ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata disa' (9) ta' April elfejn u tnax (2013) fejn intalab li din il-Qorti ssib ħtija taħt is-segwenti Artikoli tal-Liġi u ċioe`:-

- Fl-Artikolu 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 141 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-Qorti tisma' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bħala proċeduri sommarji wara li nqraw lilu l-Artikoli;

Rat il-provi kollha prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proċeduri jittrattaw fuq allegat frodi mill-imputat lil żewġ persuni u ċioe` lil ċertu Ivan Buhagiar fejn l-imputat; fil-perjodu ta' Setttembru 2009; kien xtara diversi xirjiet mingħandu u fejn dan ħallas dawn ix-xirjiet b'żewġ ċekkijiet iżda dan baqa' ma tħallasx ħlief xi ħaġa żgħira. Illi l-bilanċ dovut jammonta għal sitt elef u mija u għaxar ewro (€6,110) u ħamest elef, mija u ħamsin ewro (€5,150).

Illi persuna oħra li ġiet allegatament iffrodata mill-imputat kienet is-sieħba ta' Christopher Agius u ċioe` Mary Grace Mallia li mix-xhieda tal-ispettriċi Yvonne Farrugia ħareġ li wara li kienet sfat armla minn mar-raġel tagħha kienet bdiet toħroġ mal-imputat u saħansitra bdew joqogħdu flimkien. Darba waħda kien qallha li ried ibiegħ il-proprjeta` li kellu mal-ex mara tiegħu u kien qalilha li il-flus tar-rikavat kien *secured* mal-bank u li ma setax joħroġhom qabel ċertu żmien. Dan minħabba l-fatt illi huwa ssuġġerixxa li jixtru garaxx sabiex ikun jista' iżomm l-għamara u għalhekk Mallia tagħtu s-somma ta' ħamest elef (5,000) Liri Maltin in kontanti biex b'hekk hu jixtri dan il-garaxx li wara rriżulta li fil-fatt ma kienx xtrah iżda kien krieh minn ċertu Henry Depasquale li kkonferma dan bil-ġurament.

Illi sussegwentement Mary Grace Mallia u l-imputat iddeċiedew illi jibdew ħajja flimkien b'dan illi Mary Grace tbiegħ l-appartament li kellha preċedentement mar-raġel tagħha l-mejjet biex b'hekk hi u l-imputat jixtru dar għalihom. Nel frattemp l-imputat dejjem ta x'tifhem li huwa kellu flus biżżejjed il-bank sabiex jagħmlu dan il-pass. Illi mal-bejgħ tal-post Mallia tat l-ewwel pagament u ċioe` ta' disat elef u mitejn ewro (€9,200) lill-imputat sabiex jiddepożitahom fil-kont tiegħu mal-allegati flus l-oħra li kellu u dan fuq suġġeriment tiegħu stess. Mal-kuntratt finali Mary Grace Mallia ġabret is-somma ta' erba' u erbgħin elf sitt mija u sitta u ħamsin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€44,656.85) li minnhom tat is-somma ta' sitta u għoxrin elf, mitejn u tmienja u tmenin ewro (€26,288) lil missierha bħala self li hi u l-imputat kienu ħadu sabiex jgħaddu pagament sabiex jixtru l-proprjeta` l-ġdida, u l-kumplament u ċioe` ta' sbatax-il elf, mija u sitta u sebgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€17,176.85) reġgħet tathom lill-imputat sabiex ipoġġihom mal-flus l-oħrajn.

L-imputat kien informa lil Mary Grace illi kellhom jieħdu loan sabiex ikollhom biżżejjed sabiex jixtru proprjeta` iżda wara din saret taf illi din il-

loan qatt ma ngħatat mill-bank għaliex l-imputat kellu xi loans oħra li dan qatt ma kienet taf bihom. Huwa hemmhekk kien qalilha li l-flus li kienet tatu kien nefaqhom f'xogħlijiet u għamara għall-proprjeta` tagħhom.

Ħareġ finalment illi l-garaxx li suppost xtara kien fil-fatt jikrih u l-flus li kienet tatu Mary Grace sabiex iħallsu l-proprjetà kien ħallas xi dejn li huwa kellu.

Eżaminat bir-reqqa id-dokumenti ippreżentati mill-prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat illi:

Mix-xhieda tal-parte civile **Mary Grace Mallia** ikkonfermat li hija sellfet lill-imputat is-somma ta' ħamest elef Liri sabiex jixtri garaxx. Ikkonfermat illi huma bdew jaraw xi proprjeta` konsistenti f'*maisonette* f'B'Kara u kkonfermat ukoll il-ħlasijiet li hija tat lill-imputat u l-flus li raddet lil missierha bħala self. Hija kkonfermat ukoll illi dawn il-ħlasijiet lill-imputat saru fuq insistenza tiegħu sabiex ikunu mal-flus li huwa diġa` kellu fil-bank u sabiex ikunu jistgħu jħallsu il-proprjeta` li kienu ser jixtru.

Illi hija tgħid ukoll illi l-kuntratt tal-proprjeta` beda dejjem jiġġedded għaliex l-imputat beda jgħidilha illi kellu bżonn jieħu *loan* għaliex ma kellhomx biżżejjed flus iżda wara hija bdiet tissuspetta ħażin anke in vista tal-fatt illi l-imputat kien ħadilha il-*cashlink* tagħha u ħadilha xi flus minn hemmhekk.

Mallia tkompli tgħid illi l-imputat fir-relazzjoni tagħhom li damet xi erba' snin qatt ma ħalla lilha jew it-tifla tagħha nieqsa minn xejn. Jekk din tkun trid xi ħaġa tarah jixtrihielha u kien dejjem galantom magħhom. Kien ta' sikwit jorganizza *barbeques* fejn huwa kien jixtri kollox u kien jiġi b'xirjiet kbar kultant eseġerati.

Xehed il-parte civile l-ieħor **Ivan Buhagiar** illi dan jgħid illi huwa kien ħabib tal-imputat Christopher Agius u fejn huwa kellu żewġt iħwienet wieħed *mini market* u l-ieħor *grocer* minn fejn l-imputat kien ta' sikwit imur jixtri. L-imputat kien imur jagħmel xirjiet anke kbar mingħandu kważi eseġerati tant u hekk li kien talbu sabiex jibda jixtri *on credit* biex b'hekk kien iħallsu kull xahar. Huwa jgħid li l-imputat kien iħallsu b'mod regolari. F'Awwissu tal-elfejn u disa' (2009) l-imputat beda jħawwad fil-pagamenti fejn kien hemm xi ċekkijiet li kienu ġew *referred to drawer* minħabba nuqqas ta' fondi iżda li wara ġew imħallsa mill-imputat. Iżda kien hemm xi oħra li l-imputat kien wiegħed li ser iħallas iżda Buhagiar kien qallu li ma setax jistenna aktar.

Dan jgħid ukoll li kien indaħal missier l-imputat sabiex jgħinu u fil-fatt kienu marru għand l-avukat ta' Buhagiar u missieru kien qallhom li kien

lest jagħtihom elfejn ewro (€2,000) u l-kumplament jitħallsu elfejn fix-xahar iżda huwa ma riedx jiffirma l-ebda karta iżda ġara li tħallsu biss l-ewwel elfejn ewro (€2,000).

Illi ix-xhud ikkonferma illi l-imputat għandu jħallsu is-somma ta' ċirka ħdax-il elf ewro (€11,000).

Illi semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Marisa Zammit** li xehdet fuq il-kariga tal-imputat fil-korp tal-Pulizija li hu ta' kuntistabbli mis-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) (fol 220 *et seq*).

Rat ir-rapport tal-espert imqabbad mill-Qorti **Dr. Joseph Mifsud** għall-iffriżar tal-assi tal-imputat hekk kif mitlub mill-Avukat Ġenerali li dan jinsab a fol 262 *et seq.*

Finalment semgħet ix-xiehda dettaljata u estensiva tal-imputat **Christopher Agius** datata ħdax (11) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) li senjatament kien hemm qbil fuq il-fatti iżda mhux bi ħsieb li jsir xi frodi iżda minħabba żbalji u deċiżjonijiet żbaljati.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-imputat Christopher Agius fejn spjega li:

*"............................" "Ma Mary Grace Mallia dak iż-żmien kien two thousand and five (2005) meta kont qed nikkanvażja u fit-twenty eight (28) ta' Marzu kellha l-birthday u ftehimna li mmorru nieħdu kafe u minn hemmhekk bdiet ir-relazzjoni ta' bejnietna. Bdejna mexjin niltaqgħu ta' spiss u darba minnhom qaltli "irrid ċertu kundizzjonijiet peress li r-raġel tiegħi huwa mejjet". Għidtilha mhix problema, għidtilha niddiskutuhom u jekk naqbel magħhom ngħidlek naqblu jekk le, le. Iddiskutejnihom bejnietna u qaltli "taħseb li nkomplu r-relazzjoni ta' bejnietna?" u jien għidtilha iva naċċetta jiġifieri allavolja kien hemm it-tifla fin-nofs u hekk, kont close up wisq magħhom, ma nistax ngħid li mhu vera xejn u minn hemmhekk komplejna r-relazzjoni tagħna. Dak iż-żmien kont urejtha jiena li kont separat jiġifieri minn mal-mara u li ma kontx għidtilha illi kont inħallas mija (100) mija fix-xahar lill-mara l-propja peress li minħabba l-post kont żammejtu jien għall-ewwel. Wara ċertu żmien r-relazzjoni tagħna baqgħet titwal u bdejna ċertu affarijiet għas-serjeta u waħda mix-xewqa li kellna peress li kienet l-Ingilterra l-post tagħha, il-flat ġarrab ħafna ħsarat, ċerta soqfa kienu jridu jinbidlu, fil-fatt għandi l-irċevuti u għidtilha "tibżax nirraġahomlok jiena minn flusi". Ġibt bniedem u tani stima u bdejna l-proġett tal-flat tagħha biex irranġajnieh, fil-fatt għandi l-irċevuta ta' tliet elef u seba' mitt Lira Maltin (Lm3,700) dak iż-żmien, konna għadna bil-Maltin u komplejna r-relazzjoni tagħna bejnietna. Bdejt nara li kollox sejjer kif xtaqt jien u kif xtaqet hi wkoll, mat-tifla vera kont close u ma kien jonqosha xejn u kont nixtrihomlha l-affarijiet, magħha konna ħajja but wieħed għax dak iż-żmien kont naħdem fil-Pulizija paga tajba kelli u kollox u bqajna mexjin ħajja normali. Wasal il-birthday party tat-tifla u xtaqet tagħmlilha surprise birthday party u ma qsirtiliex qalbha għamiltulha wkoll jiġifieri. Imbagħad wara*

*Jannar qaltli nixtieq għas-sajf insiefer ukoll, għidtilha nsiefu wkoll u għamilna l-ewwel tliet (3) snin, erba' (4) snin relazzjoni sabiħa jiġifieri ta' koppja, għalkemm jiena jiġifieri mal-kundizzjonijiet tagħha kont naqbel ma kellix problemi għax waħda minnhom kienet qaltli kull nhar ta' Sibt trid tmur għand missier u omm tar-raġel li kellha minħabba t-tifla u jien ma kont insib l-ebda oġġezzjoni, fil-fatt anke l-ġenituri tar-raġel li kellha kienu jħobbuni qisni t-tifel tagħhom. Imbagħad bdew jinqalgħu ċertu problemi għax peress li jiena kont neħħejt il-post u rranġajtilha l-post kellna ċertu affarijiet iddublikati, jiġifieri pereżempju bħal fridge u hekk, affarijiet hekk u kaxxi tal-affarijiet tal-għamara ma' omm u missier Grace għax kienu jżommuhomlha huma u missierha beda jdejqu l-imbarazz. Għidtilha "ma jimpurtax naraw kif nagħmlu u nsibu post fejn inpoġġuhom" biex insolvu l-problema ta' bejnietna, u ċċekkjajt fuq il-gazzetta dak iż-żmien u kien hemm garaxx li kien għall-kiri, kellimtu, għidtlu "inti tikrih biss jew forsi tbehhulna", qalli "għalissa għal kiri biss", qalli "imma jekk forsi tagħmel il-ħsieb biex tixtrih nitkellmu iktar il-quddiem" u tlabtu s-somma kemm kienet dak iż-żmien. Il-garaxx kien semi basement, Triq il-Kannizzata, Ħal Balzan, in-numru kien nimber 8 tal-garaxx, qalli "dejjem għandek 'il fuq minn erbatax-il elf (14,000) Maltin tal-garaxx" għidtlu "all right issa niddiskutu u naraw x'nistgħu nirranġaw bejnietna" għidtlu "imma jekk tista tikrihuli mill-ġimgħa d-dieħla aħjar għax għandi problema ta' affarjiet fejn ħa npoġġihom għax m'għandix fejn". Tkellimt ma Grace dak iż-żmien għidtilha "forsi nixtru garaxx", qaltli "nikru jew nixtru" għidtilha "jiena għal ħsieb ta' xiri ħa mmur sewwa", għidtilha "issa naraw x'ħa jkunu l-affarijiet". Sadanittant tkellimt ma bniedem ħabib tiegħi ċertu Jason Attard, għax dak iż-żmien flus biżżejjed ma kellix, qalli "nisilfek sitt elef (6,000) Maltin, fil-fatt għandi l-irċevuti u l-karti kollox hemmhekk, qalli "imma rrid xi ħaġa tgħamilli garanzija għax flus fuq ix-xejn ma nistax nagħtik", qalli "nagħmlu kollox bin-nutar", dak iż-żmien kien Ruben Debono ta' Birkirkara qalli "u nimxu minn hemmhekk"."*

**<u>KOSTATAZZJONIJIET LEGALI</u>**

Illi qabel ma jsir approfondiment tax-xhieda li nġabu f'dawn il-proċeduri tajjeb li jiġu eżaminati l-elementi tar-reat ta' frodi li hi l-akkuża prinċipali kontra l-imputat.

***<u>Ir-reat ta' frodi</u>***

Fil-fatt l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

***"Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor . . . .".***

Illi l-ġurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija v. George Manicolo** (deċiża 31 ta' Lulju 1998 Onor. P. Vella) intqal hekk:

***"Dan l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke' atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq ċitat. Irid ikun hemm il messa in xena, u għalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen fl-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mill-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb għalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu ikun akkumpanjat b'artifizji kważi teatrali u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.***

***Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball u li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur."***

Illi f'sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana r-reat fejn qalet:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż. [...] Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi [...]. Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan***

*id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin. Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd. Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġieri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: (a) b'mezzi kontra l-liġi, jew (b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew (c) ta' kwalifiki foloz jew (d) billi jinqeda b'qerq ieħor u (e) ingann jew 11 (f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, (g) jew ta' ħila; (h) setgħa fuq ħaddieħor jew (i) ta' krediti immaġinarji jew (j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor. [...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li lmanuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat filligi. [...] Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez. XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".*

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ċċitat lill-Imħallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi lidea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż mise-en-scene".*

L-istess Imħallef Flores ikompli jgħid li:

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor"*

***ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi mill-ġurisprudenza hawn fuq ċitata joħroġ element ċar xi jrid jiġi ppruvat mill-prosekuzzjoni u din mhix is-sempliċi gidba iżda illi l-imputat bil-maniġġi u r-raġġiri tiegħu irnexxielu jiġbed lill-parte civile billi tagħmel xi ħaġa li kieku kienet taf il-verita` ma kienitx tagħmilha.

Illi f'dan il-każ ir-raġġiri u l-maniġġi jew kif komunement isibuha f'dan it-tip ta' reat – il messa in xena – ma ġietx ippruvata u dan għaliex għalkemm l-imputat gideb lill-parte civile fuq il-flus li suppost kellu l-bank u fuq il-garaxx dan ma għamilx hekk permezz ta' xi orkestrazzjoni malinna tiegħu.

Din il-Qorti temmen li għalkemm l-imputat għamel att ħażin ħafna fil-konfront tal-parte civile li sfortunatament kienet xi daqsxejn fraġli minħabba li kienet romlot fis-snin preċedenti, pero` huwa m'għamilx l-atti li għamel biex jiffroda iżda sforz kemm anke hu kien dgħajjef u li ma kienx jaf jaffronta r-realta` li kien qed jiffaċċja.

Illi l-istess jingħad għall-parte civile l-ieħor Ivan Buhagiar illi dan kien aċċetta minn jeddu li jagħtih l-affarijiet *on credit* mhux għax l-imputat għamel xi raġġiri iżda frott l-amiċizja li kellhom bejniethom. Illi l-Qorti tqis dawn it-transazzjonijiet bħala djun ċivili sempliċi li kellhom jiġu trattati esklussivament mill-Qrati ċivili.

Dan ma jistax jingħad pero` in kwantu għar-reat ta' **inappropprjazzjoni indebita** għaliex f'żewġ okkażjonijiet huwa kien afdat b'somom ta' flus mingħand il-parte civile Mary Grace Mallia sabiex dawn jiġu ntużati biex iħallsu ix-xiri tal-proprjeta` ta' B'Kara iżda li dan ma seħħx u l-istess Mallia qatt ma ġew ritornati lilha dawn il-flus.

Illi l-Artikolu li jikkontempla ir-reat ta' miżappropprjazzjoni huwa l-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi s-segwenti:-

***"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat jeħel meta jinsab ħati ......."***.

Illi skont ġurisprudenza kostanti w anke skont awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin: 1. ***"Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis-suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun"***. Jiġi speċifikat hawnhekk, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-

aġent jew lis-suġġett attiv tad-delitt, trid tkun magħmula *con l'animo di spostarsi del posesso,* għax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma ta' serq; 2. ***"Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, ċioe' tal-proprjeta' għaliex f'dan il-każ ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita"***; 3. ***"Illi l-oġġett irid ikun mobbli"***; 4. ***"Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu il-ħaġa, ċioe' japproprja ruħu minnha jew ibiegħha jew jiddistruġġiha a proprio commodo o vantaggio***; 5. ***"Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawżat lill-proprjetarju li fil-konfront tiegħu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".***

Dan hu proprju l-każ għaliex l-imputat żamm il-flejjes għalih minkejja li kien jaf u għadu jaf li huma dovuti lis-soċjeta' Arriva.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Grech** deċiża 22 ta' April 2009 għamlet referenza għall-awtur Taljan Luigi Maino1 fejn dan spjega li:

***"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale***

> ***la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***
>
> Għalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn ħlief abbuż ta' fiduċja li permezz tiegħu wieħed jirrendi bi profitt għalih ħaġa li tkun ġiet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju **(vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deċiża nhar it-2 ta' Diċembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deċiża nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija vs Capt. Albert Mallia deċiża nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija vs Emanuel Cassar deċiża nhar l-20 ta' Ottubru, 1997.)**
>
> Illi l-imputat Agius f'dawn il-proċeduri ħa vantaġġ mill-fiduċja li kellha l-parte civile Mary Grace Mallia u r-relazzjoni ta' bejniethom sabiex juża' dawn il-flejjes li kienu kkonsenjata volontarjament minnha lilu sabiex finalment jiġu wżati sabiex iħallsu il-proprjeta` ta' bejniethom. Illi minflok, huwa wżahom sabiex iħallas djun li huwa kellu sew mal-ex mara tiegħu kif ukoll djun oħra bħal per eżempju biex jagħmel ħlasijiet lill-parte civile l-ieħor Ivan Baldacchino. Illi għalhekk huwa għamel profitt għalih billi uża flus ta' ħaddieħor biex iħallas djun li kien għamel minħabba li kien għażel ħajja ixxellerata u bla kont. Għalhekk din il-Qorti tħoss li din l-akkuża ġiet ippruvata u għalhekk l-imputat għandu jrodd lura kull ammonti li huwa approprja ruħu mill-parte civile minħabba dan l-att.
>
> Illi ġie kkonstatat ukoll illi l-approprjazzjoni indebita ma saritx minħabba il-professjoni etc jew minħabba xi depożitu neċessarju hekk kif kontemplat fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 u għalhekk din il-Qorti tħoss li ma għandux jiġi applikat dan l-Artikolu.

3. Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat Christopher Agius ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkużi u illiberatu minnhom stante li ma ġewx ippruvati iżda sabitu ħati tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkużi u kkundannatu għal disa' (9) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ġew sospiżi għal sentejn (2). Il-Qorti kkundannat lill-Christopher AGIUS ukoll għall-ħlas peritali naxxenti mill-iffriżar tal-assi skont digriet ta' din il-Qorti li jammontaw għal ħames mija u sitta u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€566.40) u dan a bażi tal-Artikolu 533 tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment, spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

4. Illi Christopher AGIUS interpona appell minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 16 ta' Ottubru 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha għall-kumplament u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena u kundanna għall-ħlas ta' spejjeż.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

> **(1) Dwar l-approprijazzjoni indebita**
>
> Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti spjegat il-Liġi dwar l-Approprijazzjoni Indebita skont l-Artiklu 293 b'mod eċċellenti. Speċjalment fejn għamlet rassenja skont il-ġurisprudenza u anke l-awturi u l-elementi ta' dan ir-reat.
>
> Dan l-elenku ta' elementi jinstabu a fol 15 tas-sentenza fejn fil-qosor jingħad li huma dawn:
>
> 1. Illi l-pussess ikun ġie trasferit volontarjament.
> 2. Illi t-trasferiment ma jkunx jimporta trasferiment tad-dominju tal-proprjeta' li dejjem tibqa' tas-sid oriġinali.
> 3. Illi l-oġġett trid tkun mobbli.
> 4. Illi min jirċievi l-ħaġa jagħmel li jidhirlu biha u mhux kif miftiehem.
> 5. Illi jrid ikun hemm ukoll intenzjoni illi l-ħaġa jagħmilha tiegħu u li finalment li skont ċertu awturi irid ikun hemm dannu patrimonjali fil-konfront tal-proprjetarju oriġinali.
>
> Jekk wieħed jeżamina dawn l-elementi u jqabbilhom mall-fatti, isir illi l-ewwel element kien jeżisti għaliex Mary Grace Mallia tat volontarjament u ma kienet la mġiegħela u lanqas truffata.
>
> Illi l-kwistjoni prinċipalment tqum fuq it-tieni element, illi ma kienx hemm trasferiment tad-dominju jew tal-proprjeta'. F'paġna 5 tal-istess sentenza meta l-Qorti kienet qed tagħmel riassunt tax-xhieda ta' Mary Grace Mallia,

hija qalet li kienet silfitu ħamest elef lira Maltin biex dan jixtri proprjeta' illi kellu jkun garaxx.

Il-kelma li tintuża hi li hija solfitu. Min jislef ikun qiegħed ineħħi d-dominju minn fuq dawk il-flus partikulari imma jirriserva favur tiegħu d-dritt tar-restrizzjoni illi tista' tkun bl-imgħax jew mingħajr imgħax.

Illi l-oġġett irid ikun mobbli m'hemmx kwistjoni.

Dwar l-element numru 4 illi Christopher Agius għamel vjolazzjoni tal-kuntratt, wieħed irid jara x'qalet effettivament Mary Grace Mallia stess meta hi tasserixxi illi silfitu l-flus għax kienu qed jiddiskutu dwar l-akkwist ta' garaxx. Christopher Agius jgħid isma', aħna konna qed nitkellmu u ma konniex żgħuri li kien se jinxtara l-post imma li kien se jinkera. Meta tatu l-flus kien qal illi huwa kien sejjer bil-ħsieb li jixtri pero' mhux li neċessarjament kien se jirnexxilu. Għalhekk il-ftehim li kien hemm bejniethom ta' self kien ifisser illi d-disponibilita' tal-flus ġew mgħoddija lilu mbagħad kienet kwistjoni tiegħu jużahomx bil-għaqal jew le.

Fl-istess sentenza jinstab kif Christopher Agius issellef mingħand Jason Attard u kien marru għamlu skrittura għand nutar. Il-kwistjoni jekk jirrestitwihomx lura jew le, dik hija kwistjoni illi m'hijiex ħlief ċivili u mhux taqa' taħt l-approprijazzjoni idebita. L-element tal-intenzjoni illi huwa ried jeħodhomlha huwa nnegat mill-istess sentenza. Jingħad mix-xhieda ta' Mary Grace Mallia illi Christopher Agius kien galantom, kien jixtrilha kulma kellha bżonn hi u t-tifla, ma ġiex innegat li għamlilha tiswijiet fil-proprjea' tagħha f'ammont ta' tlett elef u seba' mitt lira.

Dan il-kwadru li l-Ewwel Onorabbli Qorti fehmitu bħala kwistjoni ta' żewġ persuni għandhom bżonn xulxin, kull wieħed minnhom b'xi mod dgħajjef u vulnerabbli, sabu s-sitwazzjoni tagħhom f'ċertu ċirkostanzi illi kienu qegħdin jagħmlu minn kollox biex jogħġbu lil xulxin. Tant hu hekk illi l-istess Mary Grace Mallia ma tiċħadx l-atteġġjament ta' Christopher Agius illi kien juriha illi tista' tgħix paxxuta. Min-naħa tagħha Mary Grace Mallia kienet qed turih illi lesta li tikkontribwixxi wkoll il-parti tagħha.

F'dan il-kwadru għalhekk, l-intenzjoni kriminuża ma tirriżultax. Ma kienx hemm il-prova univoka, speċjalment illi t-trasferiment tal-ħamest elef lira Maltin ma kienx kif qalet l-istess Mary Grace Mallia, li kien self, u konsegwentement japplikaw għalih ir-regoli ta' self li jimporta restituzzjoni. Imma ma jfissirx illi min jissellef mingħand xi ħadd, jekk jgħid li jużahom għal ħaġa imbagħad jużahom għall-oħra jkun qed jikkommetti approprijazzjoni idebita.

Ta' min jgħid ukoll illi Mary Grace Mallia kienet taf, u mhux sempliċiment sippost illi taf illi biex tixtri proprjeta' irid ikun hemm konvenju u wara

kuntratt pubbliku. U jekk ikun hemm xi sehem mhux billi tikkonsenja l-flus bhala s-sehem tagħha imma tidher fuq il-kuntratt u l-konvenju u tiffirma. Ħaġa illi fl-ebda mument ma nsistiet illi tagħmel.

Għalhekk l-espressjoni tagħha mniżżla a fol. 5 tas-sentenza illi hija kienet sellfet u hija l-ewwel konsiderazzjoni verament tal-Qorti fejn jingħad, "Mix-xhieda tal-parti civili Mary Grace Mallia kkonfermat li hija **sellfet** lill-imputat is-somma ta' ħamest elef lira sabiex jixtri garaxx …".

Anke f'din il-parti tas-sentenza ma tgħidx illi kienu qed jirranġaw biex jixtru bejniethom il-garaxx, ħaġa li tirriferiha għall-maisonette fl-istess parti tax-xhieda imma ma tgħix li kienet komparteċipi fix-xiri tal-garaxx. **Il-flus fuq il-garaxx kienu self.**

Għalhekk kien jonqos dak l-element, u dan kien slef ta' natura ċivili u mhux ta' natura penali.

**2. Dwar il-kundanna għall-ispejjeż hekk imsejħa peritali.**
Il-Qorti ordnat għat-terminu tal-Artiklu 533A tal-Kodiċi Kriminali, li l-imputat iħallas is-somma ta' €566.40 spejjeż "peritali" inkonnessjoni mal-iffriżar tal-assi. Skont digriet tal-Qorti.

Għandu jingħad illi fis-sentenza anke kieku kellha tiġi konfermata in toto m'hemm l-ebda kundanna għall-iffriżar tal-istess assi għaliex il-Qorti m'ordnat l-ebda konfiska. It-talba tal-prosekuzzjoni għall-iffriżar tal-assi tintlaqa' mill-Qorti, pero' dan huwa digriet proviżorju u jrid jirriżulta illi dawk l-assi li qegħdin jinqabdu filfatt jindikaw li huma provenjenti minn reat. Ħaġa li ma ġietx ippruvata f'dan il-każ, tant hu hekk illi l-Qorti m'ordnat iffriżar ta' xejn. Għalhekk din il-perizja saret filfatt bla ebda eżitu għall-Atti Proċesswali.

Dak iż-żmien kien jinħatar xi avukat biex jagħmel ir-riċerka. Il-Qorti Kriminali diversi drabi ma laqgħetx it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ġbir tal-flus li kienu tħallsu lil Dr Vincent Galea, għax ix-xogħol tiegħu ma kienx ta' espert imma ta' amministratur tal-informazzjoni. Tant hu hekk li nħoloq l-uffiċċju tal-freezing orders u dak ix-xogħol illum isir minn Dr John Seychell Navarro impjegat mill-gvern. Naturalment ma jistax jitqies bħala "perit" jew "espert" għax mhux. Daqstant ma humiex esperti jew periti dawk li kienu jiġbru l-informazzjoni in konnessjoni ma' freezing orders.

Lanqas kien hemm allegazzjoni ta' xi proprjeta' illi kienet provenjenti minn reat.

Il-freezing order m'hijiex ingassa ma' għonq l-imputat. Irid ikollha bażi fil-liġi u jrid ikollha anke bażi ta' suspett raġonevoli. Għaliex altrimenti tkun

abbuż ta' poter tal-Pulizija li jordnaw freezing order meta lanqas ikun hemm biss id-dell ta' evidenza ta' xi proprjeta' illi ġejja minn reat u li għadha teżisti u għand l-istess imputat.

***Ikkunsidrat:***

5. Illi fis-sena 2010 il-Pulizija tal-Iskwadra kontra l-Frodi kienu rċevew ittra mingħand Ivan Buhagiar bħala sid tal-ħanut *Jelly Tots* kontra l-appellant fejn Buhagiar allega li l-appellant, membru tal-Korp tal-Pulizija, kien allegatament iddefrodaħ fl-ammont ta' ħmistax il-elf euro (€15,000). Skond Buhagiar, l-appellant kien klijent regolari tiegħu fejn kien imur jixtri mingħandu ta' kuljum u kien iħallsu in kontanti immedjatament. Meta dawn ix-xirjiet bdew jiżdiedu konsiderevolment kien sar il-ftehim li l-appellant iħallsu *on credit* fl-aħħar ta kull xahar. Oriġinarjament l-appellant kien qed iħallsu regolari u kienu saru ħbieb sew. Madankollu fl-aħħar sentejn l-appellant beda jkollu problemi biċ-ċekkijiet li kien qed jagħti lil Buhagiar peress illi dawn ma kienux qegħdin jissarrfu, allavolja l-appellant kien jagħti x'jifhem illi kellu flus biżżejjed biex iħallsu u b'hekk baqa jafda fiħ. Buhagiar u martu kienu ppruvaw jikkomunikaw mal-appellant biex iħallashom id-dejn dovut lilhom fejn kull ma rnexxielhom jakkwistaw lura kien ammont żgħir ħafna. Meta għamlu l-kwerela, kien fadlilhom jitħallsu l-bilanċ ta' l-fuq minn ħdax il-elf Euro (€11,000).

6. Fl-istess żminijiet Mary Grace Mallia, kwerelanta oħra f'dawn il-proċeduri, kienet kwerelat lill-appellant mal-*Human Resources* tal-

Korp tal-Pulizija fuq allegazzjoni ta' frodi. Mallia spjegat illi kienet f'relazzjoni mal-appellant. Hi kienet kuntenta ħafna miegħu inkwantu kien dejjem juriha rispett. Wara ċertu żmien fir-relazzjoni tagħhom l-appellant kien qalilha li ried ibiegħ il-propjeta' li kellu mal-*ex* mara tiegħu biex b'hekk jaqta' l-kuntatt minn magħha għal kollox. Mallia ma kinitx taf kemm irrikava minn dak il-bejgħ iżda hu kien qalilha li għandu somma l-bank li hija marbuta u li ma tistax tinġibed.

7. L-appellant issuġerixxa lil Mallia sabiex jixtru garaxx flimkien biex b'hekk hu jkun jista' jistiva l-affarijiet li kellu mill-post l-antik. Peress illi l-flus tiegħu kienu marbutin hi kienet tagħtu l-ammont ta' ħamest elef Liri Maltin (Lm5000) kontanti biex ikun jista' jinxtara dan il-garaxx. Mallia tgħid li l-appellant kien qalilha illi b'dawn il-flus kien xtara garaxx semi-basement f'Ħal-Balzan. Intant Mary Grace Mallia iddeċidiet illi tbiegħ ukoll il-propjeta' tagħha biex bir-rikavat hi u l-appellant ikunu jistgħu jixtru post flimkien. L-appellant aċċetta dan u kien ġielgħa temmen ukoll illi hu kellu flus kontanti biżżejjed biex ikunu jistgħu jixtru dar flimkien. Bdew iduru diversi propjetajiet u kienu raw dar ġewwa Birkirkara li għoġbithom. Filfatt kienu ssellefu ammont ta' flus mingħand missier Mary Grace Mallia biex ikunu jistgħu jħalsu d-depożitu fuq il-konvenju u biex jirrenovaw dal-post li kienu xtraw.

8. L-appellant issuġerielha biex il-flus li ddaħħal mill-bejgħ tal-post li kellha jiġu mġemmgħin flimkien ma tiegħu billi jiġu depożitati fil-kont tiegħu biex huma jkollhom bizzejjed flus għall-kuntratt għall-

post il-ġdid. Meta Mary Grace Mallia kienet daħlet l-ewwel pagament mill-bejgħ tal-propjeta' tagħha fl-ammont ta' disat elef u mitejn euro (€9,200), hi għaddiethom lill-appellant. Apparti dawn, hija kienet għaddietlu somma oħra fl-ammont ta' madwar sbatax il-elf euro (€17,000) formanti parti mill-bilanċ dovut lilha mill-prezz tal-propjeta' li hi kienet biegħet. Il-kumplament tal-prezz rikavat kienet ħalsithom lill-missierha sabiex tagħmel tajjeb għas-self ta' flus li kien ikkonċedilhom u parti oħra kienu jirrapreżentaw sehem bintha mill-istess proprjeta' mibjugħa.

9. Meta ġew biex jagħmlu l-kuntratt tal-post il-ġdid l-appellant kien qal lil Mallia li kellhom bżonn jieħdu self bankarju oltre l-flus kontanti li kellhom peress illi ma kellhomx biżżejjed flus. Madankollu, minkejja t-talba li għamlu biex jieħdu dan is-self, dan is-self qatt ma ħareġ. Mary Grace Mallia bdiet tissuspetta ħażin minħabba dan is-self li ma ngħatax u marret tistħarreġ mal-Bank. Hemm irriżultalha li l-appellant kellu xi self preċedenti mal-bank u b'hekk ma setgħux joħorġulu self ieħor.

10. Mallia ikkonfrontat lill-appellant dwar dan fejn qalilha li qatt ma kellu l-flus li qalilha li kellu. L-appellant qallha wkoll li hu kien nefaq il-flus li kienet tagħtu f'xogħlijiet u għamara li kienu għamlu fil-post il-ġdid li kienu xtraw bejniethom. L-appellant kien qalilha wkoll li kien beħsiebu jbiegħ il-garaxx li kien xtara ta' Ħal-Balzan biex jaqsmu d-dħul minnu bejniethom allavolja kien sussegwentement irriżulta li dan il-fond kien filfatt mikri lilu.

11. Konsegwentement il-Pulizija kienu bagħtu għall-appellant li kien attenda volontarjament fejn irilaxxa stqarrija. Fiha ikkonferma li għal ħames snin kien qed jgħix ħajja li hu filfatt ma setax jaffordja. Ikkonferma li hu kien gideb lill-Mary Grace Mallia dwar dan u li ma kienx qalilha l-verita' għax beża li kienet titilqu kieku saret taf b'kollox. Dwar is-somma ta' ħamest elef Liri Maltin (Lm5,000) li kienet tagħtu Mary Grace Mallia għax-xiri tal-garaxx l-appellant qal li hu qatt ma xtara dan il-garaxx iżda kien krieh minflok.

12. L-appellant saħaq li kien jonfoq ħafna flus fuq Mary Grace Mallia u bintha. Dawn ma kien jonqoshom xejn. Hu kien isifirhom u jorganizzalhom *parties* u BBQs allegatament a spejjez tiegħu. In oltre ammetta li mill-flus illi kienet tagħtu Mallia, hu kien ħallas għax-xalar kif ukoll xi djun illi kellu. L-appellant saħaq ukoll li mill-isbatax il-elf euro (€17,000) circa li kienet tagħtu Mallia, hu kien xtara xi għamara għall-appartament tagħhom, li skond hu, Mary Grace Mallia kienet taf dwarhom.

13. Mistoqsi wkoll dwar Ivan Buhagiar, l-appellant ikkonferma d-dejn li kellu miegħu u li kienu ħbieb sakemm kellu jtiħ il-flus f'liema stadju Ivan sar arroganti miegħu u beda jheddu li jekk ma jħallsux kien ser jgħid lill-Mary Grace Mallia dwar id-dejn li kellu miegħu. L-appellant saħaq li hu għamel dan kollu sabiex jagħti l-impressjoni lin-nies li hu kien tat-tajjeb, meta filfatt ma kienx.

14. Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti u ġie mixli bi truffa u approprijazzjoni indebita u fejn il-Qorti tal-Maġistrati illiberatu mill-imputazzjoni ta' truffa iżda sabitu ħati tal-appropijazzjoni

indebita, liema reat kien kwalifikat bil-kariga tiegħu bħala uffiċjal pubbliku ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat: -***

15. Illi din il-Qorti mhix qegħda hemm biex tbiddel l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

> Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

16. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

17. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

18. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

19. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

20. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

21. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

22. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

23. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

---

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

24. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

25. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

26. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment

korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

27. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

28. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' sufficjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni*. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

29. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

30. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

31. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma

jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat: -***

32. Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita huwa regolat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan il-mod : -

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

33. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** deċiż fid-9 ta' Ġunju 1998 il-Qorti għaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat bħala li huma:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.
>
> Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).
>
> L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is- segwenti:

"Il reato di approprazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui in profitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."

Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-
"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e' contro la volonta del propretario stesso e' converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e' a proprio lucro e commodo."

Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija vs Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997).

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Pisani, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett f'data jigi aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.

L-Imhallef Harding fil-ktieb tieghu Recent Criminal Cases Annotated no. 24 - pagna 52, meta qed jikkummenta fuq is-sentenza fuq imsemmija jghid:
"The Court of three judges held that the prevailing opinion is that the offence is completed as soon as the sum or thing is fraudulently

misappropriated, that is, misapplied with the intention of converting it to one's own profit or that of another and the actual disposal is not necessary for the completion of the offence. As soon as a sum or thing is misappropriated, there is an usurpation of the right of ownership."

34. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. John Gauci,*** deċiż fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l- agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

35. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Concetta Charles*** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2013, ġie deċiż is-segwenti:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi. Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il- Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

Dwar l-elementi in ġenerali

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni

kriminali.'

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.'

L-element intenzjonali b'mod speċifiku

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Siegfried Borg Cole', kien deċiż hekk dwar l-element intenzjonali tal-misappropprijazzjoni indebita:

'F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' terzi. L-appellat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement għax ittardja li jaghmel il-konteġġi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profitt minn dik il-konversjoni.'

F'każ ieħor 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon', l-istess Qorti qalet hekk dwar l-intenzjoni:

'Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju), tali intenzjoni, izda, trid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.'

36.Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina*** deċiż fil-15 ta' Frar 2000, ġie mistqarr li :-

Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1941 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Karmnu Catania giet identifikata d-differenza bejn r-reat ta' serq kif spjegat aktar 'il fuq u dik ta' approprazzjoni ndebita, w cioe' sabiex tissusisti l-figura ta' approprazzjoni ndebita w mhux il-figura tas-serq, hemm bzonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata w fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).

Carrara fil-ktieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di dominio e da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

"gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Falzon, l-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro' [Maino Op. Cit. p. 105]."

Dan ir-reat, jiddistingwixxi ruhu mir-reati ta' serq ghax l-oggett ikun gie moghti lill-agent volontarjament, u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur, u jiddistingwixxi ruhu mit-truffa ghaliex id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent [vide Il-Pulizija v Enrico Petroni et deciza nhar d-disgha ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.]

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza Il-Pulizija v Joseph Muscat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu 1997 "L-element

partikolari tar-reati ta' approprjazzjoni indebita, mhux l-uzu ta' ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza nhar il-hamsa ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Puliizja v Joseph Mary Silvio, fejn gie deciz u kkonfermat ghal darb'ohra li sabiex ikun hemm l-approprijazzjoni indebita, l-oggett li jkun sar uzu minnu hazin irid ikun jinsab legittimament fil-pussess tal-agent, gie provat fil-kaz in desamina.

Antolisei ("Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331) jghid:
Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta' si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.

"Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105.

37. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Vincent Farrugia*** intqal li :

Il-konkluzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hi certament li ma jistghax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant u qatt ma kien gustifikat li jzommu u ma jibghatux lid-dipartiment tal-VAT bhala parti minn dik it-taxxa dovuta ghall-perijodu fuq imsemmi. Ghalhekk bil-fatt li b'dan l-eghmil tieghu l- appellant zamm ghalih dak li kien legalment tal-Gvern, hu gie li uza dawk l-istess flus ghal skop iehor u mhux dak li kien intiz li jintuzaw. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiffigura perfettament ir-reat ta' l-approprijazzjoni indebita ai

termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tvarja dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

38. Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali : ***Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada*** tal-1 ta' Marzu 1952 :-

> id-delitt tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad- detenzjoni ta' dik il-haga.

39. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole***, deċiż fit-23 ta' Diċembru 2003 dil-Qorti diversament presjeduta saħqet li fil-każ ta' flus li jkunu qegħdin jinżammu minn xi ħadd biex eventwalment jiġu restitwiti lura lil sidhom, in-nuqqas ta' restituzzjoni tagħhom tista' tintegra r-reat ta' approprijazzjoni indebita. Tiċċita lil Luigi Majno, fejn fil-***Commento al Codice Penale Italiano***,[9] jisħaq is-segwenti : -

> Trattandosi di somme di denaro, l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario.

40. Dik l-istess Qorti imbagħad kompliet iżżid hekk : -

> fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna

[9] UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105.

ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (op. cit. supra):

> Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo...Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.

41. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Herbert Cassar*** deċiża nhar is-17 ta' Marzu 2012, fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula minn dik il-Qorti, ġie ċċitat għal darb'oħra Luigi Majno fis-sens li ġej : -

> l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era

legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore ("il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione.

42. Kwindi huwa meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li min ikun akkużat b'approprijazzjoni indebita, irid ikollu l-intenzjoni ċara li minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehma *in buona fede* mal-vittma (u jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma stess), hu jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor l-oġġett jew il-flus li hu jkun ġie fdat bihom. Dawn jistgħu anki jinkludu azzjonijiet ta' benefiċenza, karitatevoli jew ġusti peress illi dan ikun xorta waħda jikkostitwixxi konverżjoni tal-oġġett jew flejjes mislufa bi qliegħ terzi.

43. Jekk ikun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat ta' appropijazzjoni indebita dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit, din ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.

44. Illi fil-Kodiċi Penali Taljan, ir-reat t'approprijazzjoni indebita huwa regolat bl-artikolu 646 u jaqra hekk : -

> Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il possesso, e' punito, a querela della persona offesa, con la reclusione da due a cinque anni e con la multa da euro mille a euro tremila.

45. Illi dan juri somiljanza kbira bejn dan l-artikolu u dak Malti regolanti l-approprijazzjoni indebita fis-sens li fiż-żewġ liġijiet irid ikun hemm l-elementi :

(a) Oġġetti mobbli jew flejjes tas-suġġett passiv,

(b) li l-pussess tagħhom jkun ġie volontarjament konsenjat mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv (taħt obbligu tar-restituzzjoni jew li jsir użu minnhom skont kif speċifikat);

(c) bis-suġġett attiv japproprja ruħu minnhom, billi jagħmel att ta' konverżjoni tal-oġġett mobbli jew flejjes ċjoe jittratta l-oġġett jew il-flus tas-suġġett passiv konsenjati lilu daqslikieku kienu tiegħu,

(d) bil-ħsieb li jagħmel qliegħ għalih (jew għal ħaddieħor) minn tali konverżjoni.

46. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Italja, Sez. II, numru 12965 tal-20 ta' Marzu 2003 ġie deċiż li r-reat tal-approprijazzjoni indebita jiġi kunsmat bl-interversjoni oġġettiva tal-pussess u xejn ma jinfluwixxi fuq dan l-argument li l-flus huma *res fungibiles* u b'hekk huma suġġetti għal *confusio* in bażi għal nozzjonijiet ċivilistiċi. F'dan il-każ, il-Qorti rriteniet lill-aġent tal-assikurazzjoni ħati tar-reat t'approprijazzjoni indebita meta huwa kien irċieva *premia* (dovuti lil soċjeta kummerċjali skont modalita ta' ħlas u

termini definiti) u minflok ma għadda dawn il-*premia* lil din is-soċjeta huwa rċieva dawn il-flus fil-kont kurrenti tiegħu u b'hekk approprija ruħu mill-flus de quo.

47. Din kienet issegwi sentenza oħra preċedenti tal-istess Qorti fejn kien ġie wkoll rilevat is-segwenti : -

> Il riferimento al concetto civilistico di altruità non può trovare applicazione nell'ambito penalistico della appropriazione indebita, sussistendo gli elementi costitutivi dell'ipotesi di cui all'art. 646 c.p., in presenza dell'animus proprio del delitto in esame, anche, allorché la res sia, come il danaro, fungibile. Infatti, la ratio di tale norma deve essere individuata nella volontà del legislatore di sanzionare penalmente il fatto di chi, avendo l'autonoma disponibilità della res, dia alla stessa una destinazione incompatibile con il titolo e le ragioni che giustificano il possesso della stessa, altresì nel caso in cui si tratti di una somma di danaro. (Nella specie, relativa a rigetto di ricorsi, è stata ritenuta la sussistenza del reato a carico di esercente attività di promozioni immobiliari il quale aveva omesso di consegnare le somme incassate ai venditori destinatari delle somme predette. La S.C. ha affermato che il possesso da parte dell'agente delle somme, tenuto conto dei limiti dell'incarico conferitogli, non poteva comportare, in mancanza di una espressa facoltà di utilizzazione del denaro, che un implicito divieto di utilizzazione, senza acquisizione, pertanto, della proprietà del danaro stesso da parte dell'agente, che tale acquisizione aveva sostenuto nei motivi di ricorso per escludere la configurabilità del reato di appropriazione indebita).[10]

48. Inoltre dik l-istess Qorti fis-sentenza numru 9225/1989 kienet iddeċidiet ukoll li fil-każ tar-reat tal-approprijazzjoni indebita ma jistax jitressaq l-argument tal-kompensazzjoni ta' krediti ossija tpaċija ta' djun fil-każ fejn dawn il-krediti ma jkunux ċerti, likwidi u dovuti.[11]

---

[10] Cassazione penale, Sez. II, sentenza n. 11628 del 7 settembre 1989.
[11] Cassazione penale, Sez. II, sentenza n. 9225 del 5 luglio 1989.

49. Illi pero f'dan l-appell, l-appellant qiegħed jisħaq illi l-kwistjoni ta' jekk il-flus li hu ssellef jiġux irritornati lura jew le hija materja ta' natura ċivili u mhux kriminali. Hu ċaħad li ried jieħu l-flus mingħand Mary Grace Mallia u jgħid ukoll illi mhux neċessarjament jirriżulta dan ir-reat jekk persuna tissellef għal skop partikolari u sussegwentement tużhom mod ieħor. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx. L-elementi tar-reat t'appropjazzjoni indebita irriżultaw soddisfaċentement ippruvati u l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha.

50. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Italja tat-2 t'Ottubru 2017 ġie deċiż li:-[12]

> **Il reato di appropriazione indebita non può configurasi in riferimento a una somma di denaro che sia transitata al soggetto per mezzo di un regolare contratto di mutuo.** Cosa succede se **non restituiamo dei soldi che ci sono stati prestati?** Rischiamo di subire una **condanna penale?**
>
> Di questa questione si è occupata la Corte di Cassazione, con la sentenza n. 24857 del 18 maggio 2017. Nel caso esaminato dalla Cassazione, la Corte d'appello di Salerno, in parziale riforma della sentenza di primo grado, emessa dal Tribunale della stessa città, aveva confermato la condanna di tre imputati per il reato di "***appropriazione indebita***" (art. 646 c.p.), riducendo, tuttavia, agli stessi le pene inflitte.
>
> Secondo la Corte d'appello, doveva essere, infatti, confermata la **penale responsabilità degli imputati**, in quanto gli stessi si erano **illegittimamente appropriati di una somma di denaro**, pari a Euro 30.000,00, che era stata loro **prestata da una stretta parente**.
>
> Ritenendo la decisione ingiusta, gli imputati decidevano di rivolgersi alla Corte di Cassazione, evidenziando che, nel caso di specie, non era stato commesso il reato di "*appropriazione indebita*". Osservavano gli imputati, infatti, che, nel caso di specie era stato stipulato un **contratto di mutuo** (art.

[12] <https://www.brocardi.it/notizie-giuridiche/commette-appropriazione-indebita-avuto-soldi-contratto-mutuo/1132.html> aċċessat 12 ta' Frar 2020.

1814 c.c.) con la parente, con la conseguenza che le **somme di denaro** sono **entrate nel patrimonio dei mutuatari** e l'**originario proprietario** non poteva più affermare di averne il possesso.

Mancherebbe, dunque, secondo i ricorrenti, il presupposto stesso del reato di "*appropriazione indebita*", il quale richiede, per definizione, che ad un soggetto sia tolto il possesso di un determinato bene.

La Corte di Cassazione riteneva, in effetti, di dover dar ragione ai tre imputati, accogliendo il relativo ricorso, in quanto fondato.

Secondo la Cassazione, infatti, in caso di **prestito di una somma di denaro**, il reato di **appropriazione indebita** può dirsi configurato solo quando la somma sia stata prestata affinchè il soggetto la utilizzi per un **preciso e determinato scopo** e il medesimo, invece, **la utilizzi per uno scopo diverso**, **violando il vincolo fiduciario** con colui che gli ha prestato i soldi.

Al contrario, in caso di semplice **mancata restituzione della somma** concessa in prestito senza un determinato scopo, la condotta non costituisce "*appropriazione indebita*", in quanto "*con il **mutuo**, per definizione, il **denaro versato transita dalla proprietà del mutuante a quella del mutuatario**, che è **libero di disporne** secondo i propri voleri*".

Nel caso di specie, dunque, poiché, dagli accertamenti effettuati i corso di causa, era emerso che il soggetto aveva dato in prestito la somma di denaro agli imputati, "*i quali ne avevano bisogno per sostenere alcune spese personali*", la mancata restituzione della stessa non poteva dirsi idonea ad integrare un ipotesi di "*appropriazione indebita*". Ciò considerato, la Corte di Cassazione **annullava la sentenza** resa dalla Corte d'appello, **assolvendo** gli imputati dal reato di "*appropriazione indebita*", "***perché il fatto non sussiste***".

51. B'hekk in-nuqqas ta' ħlas tal-ammont misluf *per se*, ma jagħtix lok għal azzjoni t'approprijazzjoni indebita kontra d-debitur inadempjenti. Biex jissussisti r-reat t'approprjazzjoni indebita fil-każ ta' self ta' flus, irid jiġi pruvat li l-flus mislufa jkunu ġew mislufa bi skop preċiż u determinat u min jissellef minflok jużahom skont kif pattwit jagħmel użu minnhom għal skop divers, b'mod għalhekk li jikser il-kelma mogħtija u l-fiduċja ta' dak li jkun silfu l-flus. Bid-dovut rispett lejn l-argument tad-Difiża il-provi f'dan

il-każ juru li fil-fatt hekk ġara – u dan il-fatt huwa, fil-parti l-kbira, ammess mill-appellant stess fil-kors tal-istqarrijiet li għamel.

52. Meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa pinġa stampa kemxejn differenti minn dik preżentata minnu matul l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija Eżekuttiva f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tqis il-verżjoni mogħtija minnu waqt id-deposizzjoni tiegħu bħala bilwisq konvenjenti, snin wara l-akkadut, u għaldaqstant inverosimili. L-appellant jagħti x'jifhem li kull ma għamel, kien għamlu bl-għarfien ta' Mary Grace Mallia; u jekk wieħed jistrieħ fuq il-verżjoni li ta matul id-deposizzjoni tiegħu, għalkemm ma wieħed ma jingħatax x'jifhem li kien in-nutar li ġabu f'dan l-għawġ. Irrispettivament x'setgħa għamel jew ma għamilx in-nutar in kwistjoni, jibqa' l-fatt li dak li saħqet Mary Grace Mallia, jiġifieri li d-diversi flejjes li hija kienet silfitu **<u>bi skop determinat</u>**, huwa spiċċa biex użahom mod ieħor, ad insaputa tagħha. Ma tagħmilx wisq differenza għal xiex użahom; jew jekk użahomx b'sens altruwistiku, jew riedx li jimpressjonaha. Il-fatt jibqa' li l-appellant ikkonverta l-flejjes mgħoddija lilu minn Mallia u minn missierha għal-skopijiet differenti minn dawk li kienu mislufa lilu minnha. Il-Qorti temmen dak li kien qal oriġinarjament, jiġifieri li huwa għamel dan biex jagħti x'jifhem illi hu kien tat-tajjeb.

53. L-appellant ikkonferma wkoll illi mill-bidu nett hu ma kienx qal il-verita' kollha lil Mary Grace Mallia. Huwa tradixxa l-fiduċja li din

il-mara qegħdet fih. Biss maż-żmien din bdiet ixxomm xi ħaġa - tant li saret taf waħedha - u minn sorsi oħra - li ma kien hemm l-ebda self mill-bank u li dan is-self ma setgħax jinħareġ. Apparti minn hekk lanqas ma kienet saret xi talba għall-self mill-bank qabel jew fiż-żmien inizzjali tal-konvenju. Dan irid jinqara anki in vista tal-fatt li l-appellant dejjem saħaq li hu kellu flus bizzejjed biex iħallas kontanti mingħajr l-involviment ta' banek.

54. Apparti dan il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-appellant, jiġifieri li nutar jagħti parir li fil-konvenju ma jkunx indikat li l-bejgħ qed isir suġġett għall-ħruġ ta' dan is-self, hija inverosimili. Dan il-fatt ġie kkonfermat minn Colin u Lara Sammut[13] fejn mistoqsija jekk kienx ser isir xi self mill-bank, jirriżulta li kien l-appellant stess illi saħaq illi dan ma kienx meħtieġ u li l-bilanċ kien ser jitħallas in kontanti. Dan il-fatt kien konfermat mix-xiehda ta' Mary Grace Mallia stess.

55. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-elementi applikabbli għar-reat ta' approprjazzjoni indebita japplikaw għal dan il-każ u l-Qorti tal-Maġistrati, in bażi għall-provi li kellha quddiemha setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha f'dan il-każ.

56. Illi apparti minn dan, ma jidhirx li hemm kwistjoni dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ. Tresqet prova dokumentarja li tixhed il-kariga tal-appellant fi

[13] li kienu preżenti matul il-konvenju in kwistjoni.

żmien mertu tal-imputazzjonijiet. Il-fatt li huwa kien kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija fiż-żminijiet rilevanti għal dan il-każ l-anqas ma ġie kontestat.

***Ikkunsidrat: -***

57. Illi l-appellant jilmenta wkoll dwar il-ħlas tal-ispejjez peritali ċjoe dawk relattivi għar-relazzjoni tal-ġja Avukat Dottor Joseph Mifsud li kien inħatar mill-Qorti tal-Maġistrati sabiex isir *compendium* tal-assi għall-fini tal-iffriżar u l-eventwali konfiska potenzjali. Fil-fatt in-nomina tiegħu kienet dik biex jagħmel tfitxija tal-assi tal-imputat, b'dan li kull min jagħti informazzjoni dwar l-assi tal-imputat kellu jikkonferma din l-informazzjoni bil-ġurament lill-istess espert nominat.

58. It-talba għall-iffrizzar kienet saret permezz ta' kwezit f'rinviju tal-Avukat Ġenerali u mhux fuq talba tal-Prosekuzzjoni mal-akkużi ntavolati. Għalkemm il-Qorti kienet tat lok lid-Difiża biex tikkontesta din it-talba, il-Qorti tal-Maġistrati kienet laqgħetha fil-21 ta' Novembru 2011 u ordnat l-iffriżar tal-assi tal-appellant kif ukoll ħatret lil Dr. Joseph Mifsud sabiex jagħmel l-imsemmi *compendium*. Dr. Joseph Mifsud eżegwixxa dan l-inkarigu, u kien intaxxa r-relazzjoni tiegħu.

59. Huwa minnu li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tordna l-konfiska tal-assi tal-appellant; u l-Avukat Ġenerali m'appellax minn din id-deċiżjoni. Madankollu jibqa' l-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet ħatret dan l-espert wara kweżit għall-applikazzjoni tal-artikolu 23A et seq tal-Kodiċi Kriminali mill-Avukat Ġenerali f'kuntest fejn dik il-Qorti setgħet legalment tilqa' dik it-talba.

60. Il-Qorti tal-Maġistrtati sabet lill-appellant ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet. Il-kundanna prinċipali kienet tinvolvi reat li kien jaqa' fil-parametri ta' "reat rilevanti" dispost mill-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li r-reat t'approprijazzjoni indebita huwa reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena. Jiġifieri dan kien każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati kellha tipproċedi taħt l-artikoli 23, 23B, 23C tal-Kodiċi Kriminali iżda għal xi raġuni ma għamlitx dan – u l-Avukat Ġenerali m'appellax minn tali deċiżjoni.

61. Minkejja dan ma jistax jingħad li f'dan il-każ ma kienx hemm kundanna.[14] L-anqas ma jista jingħad li dan kien każ fejn ma kienx hemm utilita' wara l-ħatra – għax utilita kien hemm – jew li l-eżitu tar-relazzjoni kienet fin-negattiv.[15] Anzi jirriżulta li kien hemm ukoll l-estremi neċessarji sabiex ladarba kien hemm diġa l-ordni tal-

---

[14] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Emanuel Deguara*** deċiż nhar it-23 t'April 2014 mill-Imħallef Antonio Mizzi.
[15] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Darren Brincat*** deċiż nhar it-28 ta' Settembru 2017 mill-Imħallef Giovanni Grixti.

iffriżar tal-assi, f'każ ta' kundanna l-Qorti setgħet tgħaddi biex tordna l-konfiska ai termini tal-artikoli 23, 23B, 23C tal-Kodiċi Kriminali.

62. Din il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż kienet ibbażata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali (u mhux l-artikolu 533A tal-Kodiċi Kriminali), li jgħid : -

> 533. (1) Meta l-kawża ssir mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

63. Issa f'dan il-każ il-Qorti jidhrilha li x-xorta jew iċ-ċirkostanza tad-delitt kienu jimmeritaw din il-ħatra ta' dan l-espert, li dak iż-żmien kienet issir minn Avukat prattikanti. Huwa minnu li dak iż-żmien is-sistema legali Malti ma kienx għadu attrezzat bl-*Asset Recovery Bureau*. Ir-rintraċċjar tal-assi tal-imputat kien isir billi l-Qorti kienet tinnomina Avukat biex ikun jista' jispleta dan l-inkariku. Del resto, anke illum il-ġurnata li din il-mansjoni ġiet fdata lill-*Asset Recovery Bureau*, ix-xogħol ta' rintraċċjar tal-assi huwa kondott minn Avukat prattikanti. Id-differenza hi li illum dan ma jkunx nominat mill-Qorti kif kien jiġri dak iż-żmien. Biss ma jfissirx li dak iż-żmien ma kienx hemm ħtieġa li jitqabbad Avukat jew persuna oħra kwalifikata biex jagħmel dan it-tiftix.

64. Il-Qorti setgħet taħtar perizija fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' xi ħaġa tkun meħtieġa ħila jew sengħa

speċjali. Għalkemm għal avukat prattikanti din il-mansjoni tista' tidher bħala xi ħaġa bażika, fil-verita mhux kull Tizju, Kajju jew Sempronju jaf kif jagħmel ir-riċerki u r-rintraċċjar meħtieġ, nonche l-analiżi tal-istess u jippreżentahom lill-Qorti għall-evalwazzjoni tagħha. Għalkemm huwa minnu li l-espert tekniku jkun aktar qiegħed jiġbor u jirraporta fuq fatti li jirriżultaw minn tiftix li huwa jagħmel, il-persuna nominata trid tkun taf kif u fejn tfittex u għal xiex titlob. Din tirrikjedi element ta' ħila jew sengħa speċjali li mhux kulħadd għandu.

65. Inoltre, dawn l-ispejjeż kellhom isiru in konnessjoni mal-konsegwenza tal-possibbli sejbien ta' ħtija li setgħet tirrifletti ruħha fil-konfiska ai termini tal-Liġi. B'hekk dil-mansjoni kienet tikkonnetti ruħha mar-responsabbilta tal-ħati jew ma xiex kien tenut jirrispondi għalih.[16] Din il-Qorti għalhekk tqis li l-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż mill-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ kienet ġustifikata.

66. Illi inoltre, l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx wrong in principle jew manifestly excessive. Jekk xejn kienet piena miti fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

## ***Deċide***

[16] Ara wkoll f'dan is-sens l-appell ***Il-Pulizija vs Vincent Cacciattolo*** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar l-4 ta' Ġunju 1948 mill-Imħallef Harding.

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***